*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 13,866, 21 ta' Lulju, 1981*
*Taqsima A*

# MALTA

## Att Nru. XXVI ta' l-1981

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT biex jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Karti ta' l-Identità.**

## ACT No. XXVI of 1981

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Identity Card Act, 1975.**

Naghti l-kunsens tieghi.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

20 ta' Lulju, 1981

# ATT Nru. XXVI ta' l-1981

*ATT biex jemenda l-Att ta' l-1975 dwar il-Karti ta' l-Identità.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej: —

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1981 li jemenda l-Att dwar il-Karti ta' l-Identità, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1975 dwar il-Karti ta' l-Identità, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Minflok il-paragrafu (b) tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 ta' l-Att prinċipali, għandu jidħol dan li ġej:

"(b) l-indirizz fejn dik il-persuna tirrisjedi ordinarjament;".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

**3.** Minflok l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Validità ta' karti ta' l-identità u applikazzjoni għal karti ġodda.

6. (1) Karta ta' l-identità tibqa' tiswa għal ħames snin biss, u ma tistax tiġġedded:

Iżda l-Prim Ministru jista' f'kull żmien (barra mill-perijodu li jaħbat bejn ix-xoljiment tal-Parlament u t-tmiem ta' l-ewwel elezzjoni ġenerali li ssir wara dak ix-xoljiment), b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, b'dak il-mod u f'dik id-data jew f'dawk id-dati li jidhirlu xierqa, il-validità tal-karti ta' l-identità kollha jew ta' xi klassi jew xi klassijiet ta' karti ta' l-identità.

(2) Meta d-detentur ta' karta ta' l-identità jkun persuna li għaliha japplika s-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' dan l-Att, dik il-persuna għandha, mhux iktar tard minn xahar qabel ma tispiċċa l-validità tal-karta ta' l-identità, jew mhux iktar tard minn xahar wara li tispiċċa l-validità tal-karta

ta' l-identità, skond il-każ, tapplika għal karta ta' l-identità ġdida skond id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u għandha tikkonsenja l-karta li ma tibqax valida biex tieħu waħda ġdida.".

**4.** Fl-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali, minflok il-kliem "tispiċċa l-validità tagħha" għandhom jidħlu l-kliem "tispiċċa jew tintemm il-validità tagħha". Emenda ta' l-artikolu 8 ta' l-Att prinċipali.

---

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fisSeduta Nru. 523 tat-13 ta' Lulju, 1981.

C. Agius
*Speaker*

C. Mifsud
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.)

ANTON BUTTIGIEG
President

20th July, 1981

# ACT No. XXVI of 1981

*AN ACT to amend the Identity Card Act, 1975.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

Short title.

**1.** This Act may be cited as the Identity Card (Amendment) Act, 1981, and shall be read and construed as one with the Identity Card Act, 1975, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 5 of the principal Act.

**2.** For paragraph (b) of subsection (2) of section 5 of the principal Act, there shall be substituted the following:

"(b) the address where such person ordinarily resides;".

Substitution of section 6 of the principal Act.

**3.** For section 6 of the principal Act there shall be substituted the following:

"Validity of identity cards and application for new ones.

6. (1) An identity card shall remain valid for a period of five years only, and may not be renewed:

Provided that the Prime Minister may at any time (other than the period between the dissolution of Parliament and the conclusion of the first general election held after such dissolution), by notice in the Gazette terminate, in such manner and on such date or dates as he may deem appropriate, the validity of all or any class or classes of identity cards.

(2) Where the holder of an identity card is a person to whom subsection (1) of section 3 of this Act applies, such person shall, not later than one month prior to the expiration of the validity of the identity card, or not later than one month after the termination of the validity of the identity card, as

the case may require, apply for a new identity card in accordance with the provisions of this Act and shall surrender the invalid card for a new one.".

Amendment of section 8 of the principal Act.

**4.** In section 8 of the principal Act, for the words "its validity expires" there shall be substituted the words "its validity expires or is terminated".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 523 of the 13th July, 1981.

C. Agius
***Speaker***

C. Mifsud
*Clerk to the House of Representatives*

Ippubblikat mit-Taqsima tat-Tagħrif — Kastilja — *Published by the Information Division — Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 2c — *Price 2c*